**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 24 ta' Novembru 2021

Rikors Numru: 213/2011 AL

**A B**

**vs**

**C B**

**(Numru tal-Att taz-Zwieġ Awstrijak: 165/70)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-attur li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi huwa kien izzewweg lill-intimata, nhar l-20 ta' Marzu 1970 u dan skont certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok.AB1;
2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal D fis-sena 1970 u E fis-sena 1977 rispettivament liema ulied illum huma maggorenni;
3. Illi l-partijiet ilhom jghixu separatament minn xulxin *de facto* tant illi filwaqt li l-intimata tghix fl-Awstrija, l-esponent ghazel li jirrisjedi f'Malta u dan mis-sena 2000.

4. Illi ma hemmx possibilta` li l-kontendenti jergghu jirrikonciljaw u dan skont dikjarazzjoni ffirmata mir-rikorrent li qed tigi annessa u mmarkata Dok. AB2;
5. Illi l-esponent, minkejja li ma hemmx kuntatt jew digriet ta' Qorti kompetenti in rigward il-manteniment li ghandu jithallas mill-kontendenti, u minkejja li l-intimata tahdem fin-National Bank tal-Awstrija, bi stipendju mensili sostanzjali, huwa jhallas il-kera tar-residenza li fiha tghix l-intimata;
6. Illi ghalhekk r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 huma kollha rispettati, kif tirrikjedi l-ligi;
7. Illi ai termini tal-Artiklu 66N tal-Kp. 16, il-Qorti ta' Malta, peress li l-esponenent ghandu residenza f'Malta, ghandhom gurisdizzjoni biex jisimghu u jiddeciedu din il-kawza u konsegwentement l-esponent ghandu d-dritt li tali procedure jigu intavolati quddiem din il-qorti;
8. Illi minhabba dawn ic-cirkostanzi, dan il-kaz ma jistghax jigi riferut ghall-medjazzjoni ai termini tal-Artikolu 66I(1);
9. Illi l-esponent jiddikjara, li sa fejn jaf hu, ma hemm ebda procedure ohra pendent quddiem xi Qrati ohra kemm f'Malta kif ukoll fi stati membri ohra tal-Unjoni Ewropea, in rigward it-talbiet tieghu;

Talab prevja kull dikjarazzjoni opportune li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tawtorizza lill-esponent jipprocedui ghad-divorzju quddiem din il-Qorti;
2. Tordna li din il-Qorti tiddispensa mill-procedura tal-medjazzjoni, u dan skont dawk il-provedimenti kollha xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' Ottubru, 2011;

Rat illi l-intimata finalment debitament notifikata ma dehritx ghas-seduta u ma pprezentatx risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mil-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom *de facto* separati mis-sena 2000;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.